MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 604/2004

**Paola Saliba**

**Vs**

**Catherine Barbara u zewgha Raymond ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attrici  ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma bilancjali komplessiva ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) mislufa mill-attrici lill-konvenuta Catherine Barbara f'diversi okkazzjonijiet.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2003 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess

ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fis-26 ta' Jannar 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta' Lm3000.00,0 bl-imghaxijiet legali mit-tlieta (3) ta' Diembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-tlieta (3) ta' Dicembru 203.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------